# Dawn l-Idejn
## Adorazzjoni Ewkaristika għal-Lejl ta' Ħamis ix-Xirka
4 ta' April 2023

### Innu waqt l-Espożizzjoni

### Vista lil Ġesù Ewkaristija

Nerfgħu jdejna 'l fuq biex nagħtuk qima
f'dal-lejl qaddis, quddiemek hawn miġbura,
illi fih il-Missier ħalliek f'idejna
għall-fidwa tagħna.

*Missierna, Sliem, Glorja*

Idejna li f'dal-lejl lil għajnejk għammdu
u wkoll illi sammruk mal-għuda mqaddsa
huma l-istess idejn li d-debħa jtellgħu
biex issalvana.

*Missierna, Sliem, Glorja*

U hekk kif aħna l-ħobż u nbid irressqu
w l-idejn tas-saċerdot jinfirxu fuqhom,
mal-kliem li inti għedt f'dik l-aħħar ikla
fik dawn jinbidlu.

*Missierna, Sliem, Glorja*

Qaddishom dawn idejna li, bħal tiegħek,
jitmiddu ta' kuljum għax-xogħol b'bżulija
sabiex b'kull ħidma illi aħna nwettqu
titkompla l-fidwa.

*Missierna, Sliem, Glorja*

Għalhekk, quddiemek dawn idejna niftħu
biex jilqgħu kull barka li inti xxerred
w minn qalbna r-radd il-ħajr u l-ġieħ ifuru
għal dejjem. Ammen.

*Missierna, Sliem, Glorja*

Skont il-fehma tal-Papa: *Missierna, Sliem, Glorja*

*(adorazzjoni fis-skiet)*

Ġesù tiegħi, idejk min nifed
b'dawk l-imsiemer tal-ħadid?
 Kienu l-ħafna dnubiet tiegħi.
 Ġesù twajjeb, aħfer u ħenn.

Min jaf kemm-il darba għannejnieh dan il-kliem f'dawn il-jiem u għal tant snin. Imma, jekk ikollok tifhem sew xi tkun qed tgħid, titwaħħax għax huma kliem tant sempliċi imma tant krudi. Titwaħħax mhux biex timtela bil-biża', għax il-biża' ma jħallix lill-Ispirtu ta' Alla jaħdem ġewwa fik sabiex tassew tindem u tikkonverti. Imma titwaħħax għax tagħraf il-piż tal-ħtija li dawn idejna jġorru u l-kobor ta' ħnienet Alla li saret hi wkoll par idejn li setgħu jitniffdu mill-ħtija tal-umanità sabiex l-istess umanità tinfeda mid-demm li joħroġ minnhom.
Matul dan il-lejl se nħallu dawn l-idejn imexxuna: idejna li, jekk tinseġ flimkien is-swaba, bħal donnu bil-linji fuq il-pali tagħhom jifforma isem Alla; u jdejh li fuq il-kefef tagħhom hemm minqux isimna għal dejjem b'turija li hu qatt ma jista' jinsina, anke meta aħna ninsewh u nagħtuh il-ġenb (ara Is 49, 16). F'dan il-lejl, bil-qima tagħna se nħallu jdejn ruħna jħaddnu lil dan is-Sid ta' kollox li sar hekk qrib tagħna li stajna noqtluh, filwaqt li nħallu l-istess idejn tiegħu minfuda għal dejjem iħaddnuna b'tgħannieqa ta' ħlewwa u konsolazzjoni.

### Innu Ewkaristiku (jew *Dawn l-Idejn*)

## L-Idejn li Qasmu l-Ħobż u Newlu l-Kalċi

**Qari mill-Evanġelju skont San Mark** (14, 22-25)
Huma u jieklu, ħa l-ħobż f'idejh, qal il-barka, qasmu, newwilhulhom u qal: "Ħudu, dan hu ġismi." Imbagħad ħa kalċi f'idejh, radd il-ħajr, u newwilhulhom, u lkoll xorbu minnu. U qalilhom: "Dan huwa demmi, id-demm tal-patt, li jixxerred għal ħafna. Tassew ngħidilkom, li ma nixrobx iżjed mill-frott tad-dielja sa dak in-nhar li nixrob inbid ġdid fis-Saltna ta' Alla."

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. *Tifħir lilek, Kristu.*

X'għadda minn moħħok, Mulej, f'dak il-lejl li kont taf li kien l-aħħar wieħed? X'għadda minn moħħok, inti u taqsam il-ħobż u tnewwel l-inbid lill-appostli miġburin madwarek b'dawk l-istess idejn li kont taf li l-għada se jisfgħu minfuda sabiex dawk l-istess ħobż u nbid ikunu jistgħu jibqgħu jitqassmu bħala ġismek u demmek għal tant sekli wara permezz tas-sagrifiċċju li seħħ darba għal dejjem fuq il-Kalvarju?
Jekk ma ddawwalniex inti, mhux se nagħrfu. Imma nistgħu nimmaġinaw l-emozzjonijiet differenti u qawwija li kien hemm f'qalbek kull darba li ħarist lejn dawk idejk waqt li tagħmel dawn il-ġesti qaddisa. Żgur li, bħall-inbid waqt li jkun qed jiffermenta, fik diġà kienu bdew ibaqbqu l-emozzjonijiet tat-talb u s-suppliki

merfugħa b'leħen għoli u kiebi fil-Ġnien taż-Żebbuġ. Żgur li, bħall-idejn li jagħġnu l-ħobż, ir-rieda umana u r-rieda divina kienu qegħdin jissaraw biex, bħala bniedem, tasal li tħaddan l-offerta tal-Missier lill-umanità li bdiet bl-Inkarnazzjoni tiegħek u li kellha tilħaq il-milja tagħha fl-offerta tiegħek innifsek fuq is-salib.
Imma dan kollu kien moħbi minn għajnejn l-appostli huma u jilqgħu f'idejhom il-ħobż u l-kalċi. U għalina wkoll hu misteru. Misteru, mhux bħalma kien għall-appostli li ma kellhomx idea x'qed jiġri eżatt, imma misteru għax, filwaqt li nafu x'ġara wara, xorta waħda l-kobor ta' dak li seħħ f'idejk jisboq dak li moħħna qatt jista' jifhem. U, għalhekk, se nisktu … u fis-skiet irroddulek ħajr u nfaħħruk. Se nisktu sabiex is-skiet tagħna jkun spazju biex inti ddewwaqna minn idejk it-tjubija tal-ħobż u l-ħlewwa tal-inbid.

*(adorazzjoni fis-skiet)*

Illejla, hekk kif niftakru f'idejk li qasmu l-ħobż u newlu l-kalċi, ma nistgħux ma lleħnux talba speċjali għal dawk li permezz tagħhom inti għadek tagħtina ġismek biex nikluh u demmek biex nixorbuh. Fir-Rit tal-Ordinazzjoni, waqt li jidlek idejn is-saċerdot novell biż-żejt tal-Griżma, l-isqof jgħid hekk: "Il-Mulej Ġesù Kristu, li l-Missier dilku bl-Ispirtu u l-qawwa, iħarsek ħa tqaddes il-poplu nisrani u toffri s-sagrifiċċju lil Alla." U, meta l-isqof jippreżentalu l-offerti li l-ġemgħa tkun ressqet lejn l-altar, jgħidlu hekk: "Ilqa' l-offerta tal-poplu qaddis li ser issir lil Alla. Ifhem sewwa dak li se tagħmel, fassal ħajtek fuq dak li se jkollok f'idejk, agħmel li ħajtek tkun tixbah il-misteru tas-salib ta' Kristu." Għalhekk, aħna wkoll, illejla, se ninterċedu għal dawk li għandhom sehem speċjali mis-saċerdozju tiegħek u li permezz tiegħu s-saċerdozju tal-imgħammdin kollha jkun jista' jingħex fis-sehem li jieħdu fis-sagramenti. Se rressqu t-talb tagħna billi flimkien ngħidu: ***bierek idejn is-saċerdoti tiegħek, Mulej.***

- Sabiex ir-rgħajja tal-Knisja joffru tassew ħajjithom kompletament lilek, **R/.**
- Sabiex il-Poplu kollu tiegħek ikompli jitqaddes, **R/.**
- Sabiex jilqgħu b'mod xieraq u safi l-offerti li l-ġemgħa tressaq lejn l-altar, **R/.**
- Sabiex, waqt li jifhmu sewwa dak li jkunu qegħdin jagħmlu, ifasslu ħajjithom fuq il-ħajja tiegħek, **R/.**
- Sabiex ħajjithom tkun tassew tixbah il-misteru tas-salib tiegħek, **R/.**
- Sabiex tħarishom minn kull qerq tax-xitan u mill-ġibdiet tad-dinja, **R/.**
- Sabiex ikunu ubbidjenti lejn is-superjuri tagħhom u fidili fit-talb tagħhom għal u f'isem il-Knisja kollha, **R/.**
- Sabiex ma jgħejjew qatt ibierku u jwasslu l-maħfra tiegħek fuq uliedek kollha, **R/.**

## Innu Ewkaristiku (jew *Debħa Maltija*)

# L-Idejn li Żebilħu

**Qari mill-Evanġelju skont San Mark** (14, 55-65)
Il-qassisin il-kbar u s-Sinedriju kollu bdew ifittxu xhieda kontra Ġesù biex jagħtuh il-mewt, u ma sabux. Tassew li kien hemm ħafna li xehdu bil-qerq kontra tiegħu, imma x-xhieda tagħhom ma kinitx taqbel. Imbagħad qamu xi wħud jagħtu xhieda qarrieqa kontra tiegħu u qalu: "Aħna smajnieh jgħid, 'Jiena nħott dan it-tempju mibni bl-idejn, u fi tlitt ijiem nibni ieħor li ma jkunx mibni bl-idejn!'" Imma x-xhieda tagħhom anqas f'dan ma kienet taqbel. Imbagħad il-qassis il-kbir qam f'nofs il-ġemgħa u staqsa lil Ġesù: "Xejn ma twieġeb? X'inhuma jixhdu dawn kontra tiegħek?" Iżda hu baqa' sieket u ma wieġeb xejn. Mill-ġdid il-qassis il-kbir staqsieh u qallu: "Int il-Messija, Bin l-Imbierek?" "Jiena hu," wieġbu Ġesù,
*"u intom għad taraw lil Bin il-bniedem*
*bilqiegħda n-naħa tal-lemin tal-Qawwa*
*u ġej fuq is-sħab tas-sema."*
Imbagħad il-qassis il-kbir ċarrat l-ilbies ta' fuqu u qal: "Xi ħtieġa għandna iżjed ta' xhieda? Id-dagħwa smajtuha! X'jidhrilkom?" U kollha qatgħuhielu li kien ħaqqu l-mewt.
Imbagħad xi wħud bdew jobżqulu fuqu, jgħattulu wiċċu, jagħtuh bil-ponn u jgħidulu: "Aqta' min!" U l-qaddejja bdew jagħtuh bil-ħarta.

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. *Tifħir lilek, Kristu.*

X'kontradizzjoni hemm fl-idejn, Mulej, hux! Dawn l-idejn li jistgħu jitnewlu b'sinjal ta' ħbiberija, u jistgħu wkoll iwaħħlu l-istalletti f'dar ħaddieħor. Dawn l-idejn li jistgħu jweġġgħu u jistgħu jmellsu, jistgħu joqtlu u jistgħu jgħinu fit-twelid u jħossu l-ħajja minn barra tal-ġuf. Dawn l-idejn li niftħu u nerfgħu 'l fuq fit-talb u nsejħu lil Missierek bħala "Missierna" wkoll, għax hekk għallimtna int, u dawn l-idejn li jistgħu jagħtuk bil-ponn u bil-ħarta waqt li nobżqu lura f'wiċċek il-grazzja li inti tagħtina. Dawn l-idejn li jistgħu jisirqu u jistgħu jagħtu milli għandhom. Dawn l-idejn li bihom nistgħu naħdmu, u nistgħu wkoll norbtuhom fuq żaqqna u nibqgħu nħarsu u nikkritikaw bla ma nagħmlu xejn.
U, għalkemm waqt il-proċess farsesk li għamlu l-Lhud biex jikkundannawk, inti tistaqsi għalfejn qlajt daqqa ta' ħarta meta kulma għedt inti kien is-sewwa—u dan tagħmlu għax bħala Alla ma tistax taċċetta l-inġustizzja għax inkella tkun qed tikkontradixxi lilek innifsek li inti l-Ġustizzja nnifisha—waqt id-diskors tiegħek

fuq il-muntanja, inti għallimt lil dawk li bdew jinġabru madwarek biex "jekk xi ħadd jagħtik daqqa ta' ħarta fuq ħaddek tal-lemin, dawwarlu l-ieħor ukoll" (Mt 5, 39) għax, tassew, dak li jidher ġest ta' dgħufija jifxel lil min ikun qed jattakka, u hekk jibda jinfetaħ il-bieb għall-konverżjoni tal-ieħor li jaħseb li hu iktar b'saħħtu.

*(adorazzjoni fis-skiet)*

L-idejn li jieħdu sehem mill-ħobż u l-inbid huma kemm tiegħek, Mulej Ġesù, li tagħmel l-offerta, u kif ukoll tagħna. Imma l-idejn taż-żeblieħ u d-daqqiet ta' ħarta huma tagħna biss, u inti ssofrihom … u għadek issofrihom. Issofrihom f'dawk li aħna numiljaw u nħossuna superjuri għalihom. Issofrihom f'dawk li jsibu ruħhom mogħtija 'l ġenb f'soċjetà li tiftaħar li hi inklussiva. Issofrihom f'dawk li s-soċjetà qatt ma tagħtihom ċans minkejja li tħambaq li qed toffri opportunitajiet għal kulħadd. Issofrihom f'dawk li jinqatlu ħtija tal-egoiżmu u l-kilba għall-poter. Issofrihom f'dawk li s-sitwazzjoni tagħhom ta' faqar jew gwerra wasslithom biex jaħarbu minn pajjiżhom u jiġu misruqin sabiex jaħarbu, u jiġu sfruttati minn dawk li jsibuhom tajbin għal taħt snienhom. Issofrihom f'dawk li, minħabba l-fidi tagħhom fik, huma maħqura u maqtula.
F'isem dawn kollha li inti għadek tiġi mżeblaħ fihom, u b'talba ta' konverżjoni għaż-żeblieħa, se nitolbu parti minn Salm 22, li huwa s-Salm per eċċellenza tal-passjoni tiegħek. Salm li jiftaħ bil-kliem li jinfed 'il qalbna u jdarrasna, u li l-Knisja tużah fil-quddiesa ta' Ħadd il-Palm u fil-Liturġija tas-Sigħat ta' għada: "Alla tiegħi, Alla tiegħi, għaliex tlaqtni?" Imma, flok intennu dan il-vers bħala responsorju, wara kull strofa, sabiex nagħmlu din it-talba f'isem l-imġarrbin kollha, se nwieġbu flimkien: ***Fik nittamaw, u int teħlisna.***

Salm 21 (22), 2-5. 8-9. 17-18a. 19-20. 23-24

Alla tiegħi, Alla tiegħi, għaliex tlaqtni?
Bqajt 'il bogħod u ma salvajtnix,
ma tajtx widen għall-għajjat tiegħi!
Alla tiegħi, ngħajjat binhar u ma tweġibx,
ngħajjat billejl u ma nsibx mistrieħ. ***R/.***

Imma int tgħammar fis-santwarju,
u lilek ifaħħar Iżrael!
Fik ittamaw missirijietna,
fik ittamaw, u inti ħlisthom. ***R/.***

Dawk kollha li jarawni jidħku bija,
jgħajbuni, iħarrku rashom u jgħidu:

“F’idejn il-Mulej intelaq; ħa jeħilsu hu!
Ħa jsalvah hu, la bih jitgħaxxaq!” *R/.*

Qabda klieb daru għalija;
ġemgħa nies ħżiena rassewni.
Taqqbuli jdejja u riġlejja;
nista’ ngħodd għadmi kollu. *R/.*

Ħwejġi jaqsmu bejniethom,
jaqtgħu x-xorti għal-libsa tiegħi.
Mulej, la titbegħidx minni;
qawwa tiegħi, fittex għinni! *R/.*

Inxandar ismek lil ħuti;
infaħħrek f’nofs il-ġemgħa.
Faħħru l-Mulej, intom li tibżgħu minnu;
sebbħuh ilkoll, nisel Ġakobb!
ibżgħu minnu lkoll, ulied Iżrael! *R/.*

### Innu Ewkaristiku

## L-Idejn li Ġarrew is-Salib u Nfetħu Beraħ Fuqu

**Qari mill-Evanġelju skont San Mark** (15, 21-39)
Meta ħadu lil Ġesù ’l barra biex isallbuh, kien għaddej wieħed, Xmun minn Ċireni, missier Xandru u Rufu, ġej lura mir-raba’, u ġagħluh jerfagħlu s-salib. U wassluh f’post jismu Golgota, li jfisser post il-Qorriegħa. U tawh jixrob inbid imħallat bil-mirra, imma hu ma riedx jieħu minnu. Imbagħad sallbuh, u qassmu ħwejġu bejniethom billi tellgħuhom bix-xorti ħalli kull wieħed jieħu li jmissu. Kienet it-tielet siegħa xħin sallbuh. Il-kitba li turi l-ħtija tal-kundanna tiegħu kienet tgħid hekk: “Is-sultan tal-Lhud.” Miegħu sallbu wkoll żewġ ħallelin, wieħed fuq il-lemin u l-ieħor fuq ix-xellug. Dawk li kienu għaddejjin bdew jgħajruh, iċaqilqu rashom u jgħidu: “Għajb għalik, int li tħott it-tempju u tfittex terġa’ tibnih fi tlitt ijiem! Inżel minn fuq is-salib u salva lilek innifsek!” Hekk ukoll il-qassisin il-kbar bdew jiddieħku bih bejniethom u mal-kittieba u jgħidu: “Salva oħrajn, lilu nnifsu ma jistax isalva! Ħa jinżel issa l-Messija, is-sultan ta’ Iżrael, minn fuq is-salib biex aħna naraw u nemmnu!” U dawk li kienu msallbin miegħu bdew imaqdruh huma wkoll.

Xħin saret is-sitt siegħa waqgħet dalma kbira fuq il-pajjiż kollu sad-disa' siegħa. U fid-disa' siegħa Ġesù għajjat b'leħen qawwi: "Eloî, Eloî, lema sabaqtani!", li jfisser: "Alla tiegħi, Alla tiegħi, għaliex tlaqtni!" Xi wħud minn dawk li kienu hemm, kif semgħuh, qalu: "Ara, qiegħed isejjaħ lil Elija!" U mar wieħed jiġri jxappap sponża bl-inbid qares, waħħalha f'tarf ta' qasba u tah jixrob filwaqt li qal: "Stennew, ħa naraw jiġix Elija jniżżlu!" Imma Ġesù għajjat għajta kbira u radd ruħu. U l-purtiera tas-santwarju ċċarrtet fi tnejn minn fuq s'isfel. Iċ-ċenturjun li kien wieqaf biswitu, meta rah jgħajjat u jmut hekk, qal: "Dan il-bniedem kien tassew Bin Alla!"

**Il-Kelma tal-Mulej**
*R/. Tifħir lilek, Kristu.*

Irrispettivament minn jekk inġarrx is-salib kollu jew biss it-traversa, nafu li kienu tnejn il-pari ta' jdejn li ġarrew l-għuda mqaddsa: l-idejn tiegħek, Mulej, u l-idejn ta' Xmun iċ-Ċirinew—inti bdejt u mbagħad kompla hu sakemm wasaltu fuq il-Golgota. B'xi mod, din tfakkarna f'dak li San Pawl jikteb lill-Kolossin: "Jien issa nifraħ bit-tbatijiet tiegħi minħabba fikom, għaliex bihom jiena ntemm f'ġismi dak li jonqos mit-tbatijiet ta' Kristu għall-ġisem tiegħu li hu l-Knisja" (Kol 1, 24). Xmun iċ-Ċirinew u inti, Ġesù, f'din ix-xena makabra tfakkruna kif inkunu tassew Insara, jiġifieri billi nħaddnu u nġorru s-salib tar-rieda tiegħek għalina—li hija espressa fis-salib li hu aħna stess u l-ġrajja tagħna li kontinwament nixtiequ naħarbu minnhom—u wkoll billi nkunu ta' spalla għal xulxin u nissieħbu fl-irfigħ tas-slaleb ta' ħutna bnedmin li bħalna huma msallbin mill-ħajja. X'misteru ta' mħabba: l-idejn li jilqgħu s-salib u l-idejn li jaqdu billi jagħtu refgħa fis-slaleb tal-aħwa waqt li huma jagħtu refgħa f'tagħna!
Mulej, kemm hi sabiħa l-grazzja li tajtna li nkunu membri tal-ġisem mistiku tiegħek, il-Knisja—ġisem li spiss jisfa' umiljat u mgħaffeġ minn barra imma wkoll minna stess fuq ġewwa. U fil-frattemp, inti tibqa' kontinwament tiela' l-għolja tal-Golgota u kontinwament issieħeb Ċirinej li lesti jaqsmu miegħek il-ħidma ta' salvazzjoni.

*(adorazzjoni fis-skiet)*

U, xħin tasal il-quċċata, kemm idejk u kif ukoll idejna jridu jinfetħu biex jitwaħħdu mas-salib. Mulej, dawk l-idejn li bierku t-tfal, li missew il-morda b'mard jittieħed sabiex ifiequ, l-id li erfajt 'il fuq biex issikket il-maltemp … dawn l-idejn issa qegħdin marbutin sewwa permezz ta' msiemer twal u ħoxnin biex żgur ma taħrabx, ukoll jekk sfidawk biex tinżel. Meta wasal il-waqt, fit-tielet jum,

inti mhux talli ma tibqax imwaħħal mas-salib, talli turina li int ħaj u, fil-ġest tal-qsim tal-ħobż ġewwa Għemmaws, tgħarraf lid-dixxipli tiegħek li inti ħaj.
Imma, fl-istess waqt, il-qagħda eterna tiegħek fil-konfront tagħna l-bnedmin tibqa' dik ta' fuq is-salib: veru Alla u veru bniedem, bil-pjagi ta' fejn għarafna ninfduk għadhom jidhru. Għalhekk, illejla miġburin quddiemek, nistħajjel li f'isimna lkoll nagħmillek l-istess talba tal-karattru ħelu *Marcellino Pane e Vino* għax, bħal donnu nistħajjel li, mill-offerta tal-ħobż u nbid li għamilnielek u li inti bdilthom fik, minn dan it-tabernaklu mdieheb, xogħol idejna, illejla inti toħroġ dirgħajk u tħaddanna miegħek. Tħaddanna miegħek bħall-missier tal-parabbola tal-iben il-ħali, eżatt kif aħna, bil-ħmieġ kollu tagħna li, xħin imiss mad-demm tiegħek, jgħib għal kollox. Toħroġ idek sabiex, kif wegħidt permezz tal-Profeta Isaija u permezz ta' Ġwanni fl-Apokalissi, inti tixxotta kull demgħa minn għajnejna (Is 25, 8; Apok 7, 17; 21, 4). Toħroġ idejk sabiex, għal kuntrarju ta' dak li sfidawk bih dawk li għaddew minn taħt salibek, inti tkompli tibni t-Tempju tiegħek, il-Knisja tiegħek.
U, waqt li tħaddanna miegħek, isseħibna wkoll miegħek f'din il-missjoni tal-bini kontinwu tal-Knisja li xi kultant tidher bħal donnha ma tistax tieħu r-ruħ mill-attakki li jsiru fuqha kemm minn barra u kif ukoll minn ġewwa. Isseħibna miegħek, imma fl-istess waqt bl-għarfien li, jekk inti ma tibnix id-dar, għalxejn nitħabtu aħna l-bennejja (Salm 127, 1). Quddiemna tpoġġi l-għażla dwar jekk nixtiqux inkunu minn dawk li jħottu l-Knisja jew minn dawk li jibnuha u jibqgħu jistinkaw bla ma jaqtgħu xejn. Hekk biss aħna nkunu nistgħu nissejħu Knisja: jekk bħalek inkunu Knisja li tilqa' u Knisja li bla heda tingħata għall-qadi u għall-bini tas-Saltna tiegħek fuq l-art, sakemm jasal il-jum li fih lilna wkoll tiġborna miegħek.

## Innu Ewkaristiku

"Dak li kien mill-bidu, dak li aħna smajna, li rajna b'għajnejna, li lejh ħarisna u li messew idejna, jiġifieri l-Verb tal-ħajja, dan sejrin inxandrulkom" (1 Ġw 1, 1). Permezz ta' dan is-sagrament tal-għaġeb li inti ħallejtilna b'tifkira ħajja tiegħek, aħna wkoll nistgħu ngħidu dan il-kliem li bih l-awtur jagħżel li jiftaħ l-Ewwel Ittra ta' Ġwanni. U, f'dan il-lejl li fih qegħdin nissieħbu fil-passjoni tiegħek, nixtiequ li kull darba li mmissu l-Ġisem Ewkaristiku tiegħek, kull darba li mmissu l-ġisem imlaħħam tiegħek f'ħutna mġarrbin, kull darba li nagħrfuna membri tal-ġisem mistiku tiegħek, il-Knisja, aħna ma nibqgħux indifferenti imma nadurawk fl-Ewkaristija, naqduk f'ħutna, u nsofru l-pjagi tal-Knisja bħala membri tagħha u mhux bħala għedewwa.
Għalhekk, filwaqt li nintelqu f'idejk u nibdew nitbennu sabiex ma ndumux ma norqdu f'dan il-lejl ħalli għada nbakkru sabiex ngħixu mill-ġdid miegħek il-

passjoni tiegħek, nixtiequ rresqulek it-talbiet tagħna fl-ispirtu ta' wlied ċkejkna li, qabel jorqdu, jgħidu talba qasira li titwieġeb bil-bewsa kollha mħabba tiegħek.

- Żomm idejk fuq il-Papa Franġisku sabiex, flimkien mal-kooperaturi tiegħu u l-isqfijiet kollha tad-dinja, jagħraf jiddixxerni t-triq li twassal tassew għall-bini tal-Knisja tiegħek. Nitolbu.
- Ħaddan miegħek il-ħolqien kollu li għadu s'issa jitniehed bl-uġigħ tal-ħlas flimkien magħna li aħna wkoll nitniehdu fina nfusna waqt li nistennew l-adozzjoni ta' wlied, il-fidwa ta' ġisimna. Nitolbu.
- Sultan rebbieħ li f'idejk jinsab ix-xettru ta' saltnatek, nebbaħ ħsibijiet ta' paċi fil-qlub tal-mexxejja tad-dinja kollha sabiex fost il-popli jerġa' jsaltan is-sliem. Nitolbu.
- Ifrex idejk fuq il-parroċċa tagħna u fuq il-familji u l-komunitajiet li jiffurmawha sabiex tkompli tieħu sehem b'mod attiv fil-bini tas-Saltna tiegħek u fil-qadi tal-aħwa. Nitolbu.
- Kompli sejjaħ minn fostna żgħażagħ li b'ġenerożità jkunu lesti jmiddu jdejhom għall-ħidma tal-Evanġelizzazzjoni, tad-Djakonija, u tat-tqaddis tal-poplu tiegħek permezz tas-Sagramenti. Nitolbu.
- Reġġa' lura għat-triq tas-sewwa lil dawk li tbiegħdu minnha, u erġa' dewwaqhom il-ħlewwa tat-tgħanniqa kollha mħabba tiegħek. Nitolbu.
- Agħtina l-qawwa, Mulej, sabiex, bħal Mosè fid-deżert, ma ngħejjew qatt nerfgħu jdejna 'l fuq fit-talb ta' interċessjoni għall-Knisja u għad-dinja. Nitolbu.
- Newwel idek lil ħutna l-mejtin u daħħalhom fil-belt qaddisa ta' Ġerusalemm tas-sema. Nitolbu.

Fis-skiet ta' qalbna rresqu t-talba tagħna lill-Mulej.

Mulej, ħa nerfgħu jdejna lejk fil-għoli għax nafu li minn hemm tiġi l-għajnuna u nnewlulek it-talb tagħna, u ħalli tinżel fuqna minn idejk minfuda l-ħniena u l-barka tiegħek. Inti li tgħix u ssaltan, għal dejjem ta' dejjem. Ammen.

## Innu Ewkaristiku

Fl-isem tal-Missier, u tal-Iben, u tal-Ispirtu s-Santu. Ammen.

Fil-jum ta' għada, meta Kristu, il-Ħaruf tal-Għid tagħna, kien maqtul (1 Kor 5,7), il-Knisja timmedita fuq il-Passjoni tal-Mulej u l-Għarus tagħha, tqim is-salib, tfakkar it-tnissil tagħha mill-ġenb minfud ta' Kristu, u tinterċedi għas-salvazzjoni tad-dinja kollha.